# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum il-15 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 905/2015 SM**

**Av. Dr. Sarah Sultana [12581M] kif debitament awtorizzata bhala mandatarja specjali ta' l-assenti Ahmed Mohamed Ezwawi [Passaport Taljan Numru AA0068963]**

**vs.**

**Frank Anthony Cachia (397657M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-28 ta' Settembru, 2015, li permezz tieghu il-mandatrici fuq riferita sintetikament esponiet is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi r-rikorrenti li qed tirrapprezenta kien jimporta u jbiegh elettrodomestrici mill-Libja;

1.2. Illi f'Gunju, 1998, tlaqqa' mal-intimat fil-Libja;

1.3. Illi l-istess intimat kien jaghmel l-istess xoghol bi prezzijiet kompetittivi;

1.4. Illi r-rikorrenti beda jinnegozja mal-intimat u ordna ghaxar (10) "*containers*" tal-erbghin (40) bil-prezz, ta' erba' mija u sitta u ghoxrin elf Dinar Libjan, (LD426,000.00, dak iz-zmien ekwivalenti ghal tmienja u sittin elf, u erba' mitt Lira Maltin, (Lm68,400.00);

1.5. Illi l-partijiet kienu ftehmu li l-pagament *de quo* kellu jsir mal-konsenja fil-mahzen tar-rikorrenti fil-Libja;

1.6. Illi sussegwentement, l-intimat kien moruz fil-konsenja;

1.7. Illi l-intimat talab lir-rikorrenti ihallas il-prezz kollu bil-quddiem;

1.8. Illi r-rikorrenti accetta din it-talba tal-intimat, u bhala garanzija fit-8 t'Ottubru, 1998 ir-rikorrenti nghata mill-intimat zewg (2) cekkijiet, wiehed ghas-somma ta' tletin elf u erba' mitt Lira Maltin, (Lm30,400.00), u iehor ghal tmienja u tletin elf Lira Maltin, (Lm38,000.00);

1.9. Illi ghalkemm ir-rikorrenti effettwa l-pagament lill-intimat, la l-merkanzija u lanqas il-garanzija m'inghatawlu mir-rikorrenti;

1.10. Illi ghalhekk, ir-rikorrenti jinsisti li l-intimat jirritorna l-flus lilu mghoddija minnhu, izda inutilment, minkejja li kien anke gie Malta ghal dan l-iskop;

1.11. Illi fil-15 ta' Gunju, 2000, il-partijiet dahlu fi ftehim fejn l-intimat ikkostitwixxa ruhhu veru, cert u likwidu debitur tar-rikorrenti, (mhux kif indikat a foll 2, paragrafu 6), fis-somma ta' erba' mija u sitt elef Dinar Libjan, (LD406,000.00), fejn anke obbliga ruhhu li jhallas l-istess f'Liri Maltin bir-rata tal-kambju fiz-zmien tal-hlas sal-15 ta' Lulju, 2000;

1.12. Illi minkejja s-suespost, l-intimat baqa' inadempjenti;

1.13. Illi konsegwentement ir-rikorrenti ma kellu l-ebda alternattiva hlief li jibda proceduri fi Qrati Libjani biex jirkupra l-kreditu lilu dovut;

1.14. Illi s-sentenza tal-*Almadina Summary Court*, datata t-30 ta' Marzu, 2005, li ittrattat l-aspett kemm penali kif ukoll civili tal-kwistjoni, iddecidiet kontra r-rikorrenti;

1.15. Illi wara appell tar-rikorrenti quddiem in-*North Tripoli First Instance Court*, deciz fil-15 ta' Marzu, 2006, is-sentenza in prim'istanza thassret, u ghal dak li jirrigwarda l-aspett civili tal-istess, laqghet it-talbiet tar-rikorrenti, hemm appellant, anke ghad-danni kemm materjali kif ukoll morali involuti, u kkundannat lill-intimat ihallas is-somma ta' hamsin elf Dinar Libjan, (LD50,000.00), flimkien mal-ispejjez tal-istess proceduri;

1.16. Illi *stante* anomalija, is-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti ma setghetx tigi enforzata fil-Libja, (ara foll 2);

1.17. Illi wara referenza lis-*South Tripoli Primary Court – 2nd Civil Circuit*, l-istess anomalija giet sanata u bis-sentenza taghha datata l-15 ta' Gunju, 2008, iddecidiet favur ir-rikorrenti, u ddikjarat li l-intimat kellu jhallas lir-rikorrenti 406,000.00 Dinar Libjan *ai termini* tal-ftehim datat il-15 ta' Gunju, 2000, (ara paragrafu numru wiehed punt hdax, (1.11.), aktar qabel, u foll 2), flimkien ma 50,000.00 Dinar Libjan bhala kumpens ghad-danni materjali u morali, bl-ispejjez, (ara foll 7);

1.18. Illi ghandu interess li din is-sentenza tigi rikonoxxuta u reza ezegwibbli f'Malta;

1.19. Illi ghalhekk aderixxa din il-qorti biex din il-qorti:

1.19.1. Tirrikonoxxi u tiddikjara ezegwibbli f'Malta is-sentenza tas-*South Tripoli Primary Court –*

2nd Civili Circuit, datata il-15 ta’ Gunju, 2008;

1.19.2. Tordna l-esekuzzjoni tal-istess sentenza kontra l-intimat;

1.19.3. Bl-ispejjez u bl-interessi relattivi kontra l-intimat;

2. Rat id-digriet taghha datat it-2 t’Ottubru, 2015, li permezz tieghu appuntat l-istess procedura ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 20);

3.0. Rat ir-risposta guramentata datata s-26 t’Ottubru, 2015, li permezz taghha l-intimat sintetikament irrisponda bil-mod segwenti ghat-talbiet tar-rikorrenti, (ara foll 27):

3.1. Illi l-azzjoni tar-rikorrenti hi irritwali, u insostenibbli;

3.2. Illi t-talba mressqa quddiem il-qorti Libjana deciza fil-15 ta’ Gunju, 2008, ma kienitx notifikata lill-intimat;

3.3. Illi l-qorti Libjana li tat is-sentenza indikata fil-paragrafu precedenti kienet inkompetenti;

3.4. Illi l-istess sentenza hi kuntrarja ghal sentenza ohra moghtija precedentement;

3.5. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta’ Mejju, 2017, kif sussegwentement estiz, li permezz taghhom, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 119);

5. Rat in-nota t’osservazzjonijiet tar-rikorrenti *nomine* datata t-2 t’Awwissu, 2017, (ara foll 125), flimkien ma dik tal-intimat datata t-13 t’Ottubru, 2017, (ara foll 132);

6. Semghet ix-xhieda prodotta;

7. Ezaminat id-dokumenti esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati *in atti*;

8. Rat il-verbal tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet datat iz-19 t’Ottubru, 2017, li permezz tieghu infurmaw lill-qorti li kienu qed jistriehu fuq in-noti t’osservazzjonijet minnhom ipprezentati, (ara foll 137);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

9.1. Illi r-rikorrenti kien jiggestixxi negozju t’elettrodomestici fil-Libja;

9.2. Illi l-intimat kien ukoll jiggestixxi dan it-tip ta’ negozju;

9.3. Illi f’Gunju, 1998, jirrizulta li l-partijiet hawn kontendenti, bdew relazzjoni kummercjali flimkien, (ara foll 1, 57 u 117);

9.4. Illi rizultat tal-istess, ir-rikorrenti issottometta ordni kospikwa minn ghand l-intimat u eventwalment spicca hallas lill-intimat is-somma indikata aktar qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt erbgha, (1.4.), originarjament bil-ftehim li l-hlas kellu jsir mal-konsenja, (ara foll 57);

9.5. Illi l-intimat ma zammx kelmtu, u peress li r-rikorrenti gia` kellu l-bejgh tal-istess assikurat, ikkonceda li jhallas bil-quddiem kif kien qed jitolbu l-intimat, (ara foll 57);

9.6. Illi *nonostante* li r-rikorrenti hallas l-ammont pattwit qabel ma ircieva l-konsenja tal-oggetti minnu ordnati, l-intimat baqa’ ma ikkonsenja xejn, (ara foll 57);

9.7. Illi biex ir-rikorrenti jigi rifuz l-ammont minnhu moghti lill-intimat, dan tal-ahhar ipperswadih jigi Malta ghall-hlas, izda l-pagament baqa’ ma giex effettwat;

9.8. Illi minnflok il-kontendenti kkonkludew skrittura privata, datata il-15 ta’ Gunju, 2000, li permezz taghha l-intimat

ikkostitwixxa ruhhu veru, cert u likwidu kreditur tar-rikorrenti ghall-ammont hemm indikat, (ara foll 66);

9.9. Illi bhala garanzija ghall-istess, l-intimat hareg ic-cekkijiet li l-kopji taghhom jidhru a foll 64 u 65 u l-original a foll 96);

9.10. Illi *nonostante* l-istess, l-intimat baqa' moruz;

9.11. Illi konsegwentement ir-rikorrenti beda proceduri gudizzjarji fil-qrati Libjani in tutela tal-pretensjonijiet tieghu;

9.12. Illi dawn il-proceduri ikkulminaw fis-sentenzi rispettivament datati t-30 ta' Marzu, 2005, (ara foll 68), il-15 ta' Marzu, 2006, (ara foll 83), u l-15 ta' Gunju, 2008, (ara foll 7 u 35);

9.13. Illi s-sentenza finali in appell fuq riferita ddeciediet favur ir-rikorrenti odjerni, (ara paragrafu numru wiehed punt hmistax, (1.15.) aktar qabel), u ikkundannat lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-segwenti:

9.13.1. Erba' mija u sitt elef Dinar Libjan, (LD406,000.00), *ai termini* tal-ftehim tal-15 ta' Gunju, 2000, fuq indikat; u

9.13.2. Hamsin elf Dinar Libjan, (LD50,000.00), danni materjali u anke morali bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

10. Illi ghalhekk ir-rikorrenti intavola l-procedura odjerna bil-ghan li s-sentenza estera finali fuq indikata tigi rikonoxxuta u ezegwita lokalment *ai termini* tal-artikoli 825A sa 828 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem imsejjah Kap 12), re l-esekuzzjoni ta' sentenzi moghtija minn tribunali esteri;

11. Illi in effetti l-artiklu 826 tal-Kap 12 jistabbilixxi l-principju li sentenzi moghtija minn qrati kompetenti ta' pajjiz barra minn Malta u li jkunu ghaddew in gudikat:

"...jistghu jigu esegwiti mill-qorti kompetenti ta' Malta, bhas-sentenzi moghtija f'Malta...";

12. Illi l-artiklu sussegwenti tal-Kap 12 jistipula c-cirkostanzi meta din l-esekuzzjoni ma tkunx tista' ssir;

Ikkunsidrat:

13. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell** fl-ismijiet **Avukat Dottor Joseph Zammit Mckeon *nomine* vs. Laferla *Insurance***, datata l-**25 t'Ottubru, 2013**, li fir-rigward tghid is-segwenti:

> "Dawn l-eccezzjonijiet kif kontemplati fl-Artikolu 827 huma mhux biss ta' interpretazzjoni stretta, izda huma "*exhaustive*", fis-sens li l-Qorti ma tistax tirrifjuta l-esekuzzjoni ta' sentenza estera ghal xi raguni mhux kontemplata f'dan l-artikolu. Qorti Maltija mitluba tesegwixxi sentenza ta' pajjiz barra mill-Unjoni Ewropea, trid issegwi dawn ir-regoli stretti u limitatissimi. Il-funzjoni tal-Qorti Maltija hi li tordna l-esekuzzjoni tas-sentenza estera sakemm ma jigix ippruvat a sodisfazzjon taghha xi wahda jew aktar mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 827 imsemmi. Mhix il-funzjoni tal-qorti lokali li terga' tiftah il-meritu tal-kwistjoni deciza bis-sentenza estera..."

Ikkunsidrat:

14. Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat jippromuovi t-tezi li l-azzjoni tar-rikorrenti hi irritwali *stante* li r-rikors promotur kien intavolat b'gurament kontra d-dettam tal-artiklu 826 tal-Kap 12 li jistipula biss rikors, (ara foll 27);

15. Illi effettivament ezami tar-rikors promotur jizvela li dan verament gie sottomess b'gurament, (ara foll 1);

16. Illi pero` jinghad immedjatament tali nuqqas m'ghandux igib in-nullita` tal-att *de quo*, u dan, *stante* li l-parti l-ohra,

senjatament l-intimat, ma sofra l-ebda pregudizzju rizultat tal-istess;

17. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Carol Ann Paulsen Grima *et* vs. Anna Reitzia Grima**, datata z-**19 t'Ottubru, 2017**, li qalet li:

> "Il-qrati taghna mhumiex favur il-formalizmu esagerat u fejn jistghu, isalvaw l-atti u mhux jannullawhom. "Il-prassi segwita mill-qrati taghna, anke a bazi tal-emendi introdotti bl-Att XXIV tal-1995, inkluz l-artikolu 175 tal-Kap. 12, hija li formalizmu esagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh";

18. Illi in vista tal-premess ghandu jkun pacifiku li din l-ewwel eccezzjoni tal-intimat ghandha tigi respinta *nonostante* li l-procedura in dizamina giet introdotta b'rikors guramentat minflok biss b'rikors b'talba kif preskritt;

19. Illi konsegwentement din l-ewwel eccezzjoni tal-intimat ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

20. Illi fit-tieni eccezzjoni tieghu l-intimat jippromuovi t-tezi tieghu li ghalhekk l-azzjoni intavolata mir-rikorrenti hi insostenibbli, u dan *ai termini* tal-artiklu 811 tal-Kap 12, (ara foll 27);

21. Illi l-artiklu invokat mill-intimat hu l-artiklu 811(b) tal-Kap 12 li jistipula s-segwenti:

> "Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Civili, Prim'Awla, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

> "Jekk ir-rikors guramentat ma jkunx gie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigh tal-kawza";

22.0. Illi in sostenn tal-istess tezi minnu hawn vantata l-intimat isosstni li:

22.1. Qata' kull kuntatt mal-Libja, (ara foll 27);

22.2. Ma kienx notifikat bis-smigh tal-kawza kondotta l-Libya, (ara foll 27);

23.0. Illi minn ezami tas-sentenza estera in kwistjoni, (ara foll 7), jirrizulta l-oppost, senjatament:

23.1. Li l-intimat kien notifikat, (ara foll 7);

23.2. Li effettivament deher personalment akkompanjat bl-avukat ta' fiducja tieghu, (ara foll 9);

24. Illi konsegwentement anke din it-tieni eccezzjoni tal-intimat ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

25. Illi l-intimat jinvoka wkoll l-**inkompetenza tal-qorti Libjana minhabba n-nuqqas ta' gurisdizzjoni fuq cittadin Malta mhux domiciljat il-Libja**;

26. Illi tali eccezzjoni tistrieh fuq l-artiklu 811 (d) tal-Kap 12 li jghid is-segwenti:

> "jekk is-sentenza tkun giet moghtija minn qorti inkompetenti minhabba n-nuqqas ta' gurisdizzjoni kif imsemmi fl-artiklu 741 (a), basta li qabel ma tkunx giet moghtija u deciza l-eccezzjoni tal-inkompetenza";

27. Illi f'dan ir-rigward jirrizulta li sat-tieni (2) sentenza estera moghtija fil-konfront tal-intimat datata l-15 ta' Marzu, 2006, (ara foll 83 sa 90), l-intimat kien domiciljat il-Libja, (ara foll 117 u 118);

28. Illi f’dan l-istadju ssir referenza ghall-artiklu 562 tal-Kap 12 li jistipula s-segwenti:

> “Bla hsara ta’ kull dispozizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta’ fatt imiss dejjem lil min jallegah”;

29. Illi ghalhekk, *stante* li hu l-intimat li qieghed jeccepixxi n-nuqqas ta’ gurisdizzjoni tal-qorti *de quo* fil-konfront tieghu, hu inkombenti fuqu li jipprova li minn Marzu 2006, sal-gurnata tal-ahhar sentenza, dik datata Gunju 2008, griet xi cirkostanza li biha jigi assodat li tilef id-domicilju tieghu;

30. Illi f’dan ir-rigward jirrizulta pacifiku li l-intimat ma ressaq l-ebda prova sodisfacenti ta’ dak minnu allegat fir-rigward;

31. Illi konsegwentement it-telf tad-domicilju tieghu minnhu allegat ma jirrizultax debitament ipprovat;

Ikkunsidrat:

32. Illi l-intimat jinvoka wkoll il-fatt li **sentenza hi kuntrarja ghal sentenza ohra bejn l-istess partijiet**;

33. Illi tali eccezzjoni tistrieh fuq l-artiklu 811 (h) tal-Kap 12 li jghid is-segwenti:

> “jekk is-sentenza tkun kuntrarja ghal sentenza ohra ta’ qabel, deciza bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oggett, u li ghaddiet f’gudikat, basta li l-eccezzjoni ta’ *res judicata* ma tkunx giet moghtija u deciza”;

34. Illi l-intimat jeccepixxi li s-sentenza li taghha qed tintalab l-esekuzzjoni f’Malta, senjatament dik datata l-15 ta’ Gunju, 2008, (ara foll 7), hi kuntrarja ghas-sentenza datata l-15 ta’ Marzu, 2006, (ara foll 83);

35. Illi s-sentenza tal-15 ta’ Marzu, 2006, fuq riferita hi appell mis-sentenza datata 30 ta’ Marzu, 2005, (ara foll 68);

36. Illi jirrizulta assodat li l-kuntrarjeta` rikjamata mill-intimat ma tirrizultax, anzi minflok jirrizulta li s-sentenzi in dizamina

mehuda flimkien jiffurmaw edificcju legali solidu u unit, li l-intimat ma jistax jikkontradici;

37. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw debitament ipprovati skont il-ligi;

38. Illi konsegwentement, anke din l-eccezzjoni tal-intimat ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

39.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-intimat ipprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

39.1. Takkolji t-talbiet kollha tieghu;

39.2. Tirrespingi r-risposti kollha tal-intimat;

39.3. Tiddikjara ezegwibbli f'Malta is-sentenza tas-*South Tripoli Primary Court – 2nd Civil Circuit*, datata l-15 ta' Gunju, 2008;

39.4. Tordna ghalhekk l-esekuzzjoni tal-istess sentenza indikata fil-paragrafu precedenti kontra l-intimat;

39.5. Bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba mir-rikorrenti fir-rikors promotur sal-pagament effettiv kontra l-intimat.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**